MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 655/2001/1

**Anthony u Manuela konjugi Xuereb**
**Vs**
**Noel Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi fid-9 ta' Ottubru, 2000 go Industrial Estate, Marsa, waqt li l-konvenut Noel Caruana kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni JAH-801 habat gol-vettura numru ta' registrazzjoni IAC-073 misjuqa mill-attur Anthony Xuereb;

Peress illi ghal dan l-incident kien jahti unikament l-konvenut Noel Caruana stess u dana minhabba traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti

tat-traffiku u dan kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

Peress illi l-konvenut gie interpellat biex ihallas id-danni kagunati u risultanti mill-imsemmi incident, liema danni jammontaw ghal elf u tlitt mitt lira Maltin (Lm1300), liema ammont jinkludi kemm hsarat tal-vettura kif ukoll spejjez ohra relatati ma’ l-istess incident izda xorta wahda baqa inadempjenti;

Jghid il-konvenut  in vista tal-premess ghaliex m’ghandiex dina l-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi kien il-konvenut Noel Caruana unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturib’konsegwenza ta’ l-incident awtomobilistiku tad-9 ta’ Ottubru, 2000.
2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi fl-ammont ta’ elf u tlitt mitt lira Maltin (Lm1300);

3. tikkundanna lill-konvenut Noel Caruana ihallas lill-atturi l-ammont ta’ elf u tlitt mitt lira Maltin (Lm1300).

Bl-ispejjez komprizi ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ dina c-citazzjoni kontra s-socjeta’ ta’ assigurazzjoni tal-konvenut, bl-imghax legali u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

1. L-ewwel talba tal-atturi ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku de quo ma garax b’tort tal-eccipjent izda gara unikament bi htija tal-attur Anthony Xuereb.

2. Ghalhekk it-tieni talba tal-atturi ghandha tkun michuda billi ma hemmx danni x’jigu likwidati favur taghhom.

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata stante li l-eccipjent m'ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-atturi.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat d-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet provi bil-gurament;
Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;
Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-data tallum;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fid-9 ta' Ottubru 2000 ghal habta tas-7.45 am meta l-attur kien ghaddej minn triq go Industrial Estate Marsa isuq il-vettura Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni IAC-073 huwa safa' involut f' incident awtomobilistiku mal-konvenut li dak il-hin kien qed isuq boxtruck bin-numru ta' registrazzjoni JAH – 8001.

L-incident sehh meta l-attur kien qed jaghmel manuvra ta' sorpass vicin dahla li tidhol lejn il-fabbriki. Hekk kif huwa gie paralleli mal-vettura tal-konvenut, dana gibed lejn il-lemin u laqghat il-vettura misjuqa mill-attur fuq in-naha laterali, u senjatament fuq il-bieba ta' quddiem xellugi. Rizultat ta' din il-kollizjoni u biex jipprova jevita l-vettura misjuqa mill-konvenut, l-attur gibed ghal fuq il-lemin tieghu u mbaghad kiser ghal fuq ix-xellug, tilef il-kontroll u spicca mahbut mal-hajt fuq in-naha tax-xellug tieghu.

Rizultat ta' dan l-incident l-attur qed jirreklama danni fl-ammont komplessiv ta' Lm1,300, rapprezentanti kemm hsara rekata fuq il-vettura misjuqa minnu, kif ukoll kiri ta' karrozza.

Il-kontestazzjoni tal-konvenut hija fuq zewg binarji. Dan qed jikkontesta kemm ir-responsabbilita' tieghu ghal-incident, kif ukoll il-quantum tad-danni.

**Konsiderazzjonijet tal-Qorti**

Illi sabiex tigi stabbilita d-determinazzjoni tar-responsabbilita' ghall-incident in disamina, huwa opportun li jsir analizi aktar dettaljat tal-komportament ossia sewqan tal-partijiet fil-ftit minuti precedenti l-incident, u li dan jigi ezaminat fid-dawl tal-obbligi u doveri taghhom fis-sewqan kif johorgu bazikament mir-regolamenti indikati fil-Highway Code, u l-obbligu generali ta' kull sewwieq li waqt is-sewqan jesercita dak il-grad ta' diligenza u prudenza, dettat mic-cirkostanzi, u li huwa ragjonevolment mistenni minn bonus paterfamilias.

Illi mill-provi rrizulta sodisfacentement li meta sehh l-incident il-konvenut kien wieqaf fuq in-naha tieghu tat-triq. It-triq ma kienitx wiesgha hafna, kienet pero' two way u ma jirrizultax li fuq il-karreggjata kien hemm senjalata linja medjana. Fejn sehh l-incident hemm triq jew dahla li taghti ghal fejn hemm il-fabbriki u li ghalhekk minnha jghaddu l-karrozzi kemm biex johorgu minnha kif ukoll biex jidhlu minn go fiha. L-incident sehh fil-mument li z-zewg sewwieqa kienu qed jaghmlu manuvri li l-esekuzzjoni taghhom jiddettaw grad gholi ta' diligenza u attenzjoni. Il-manuvra tal-attur kienet tikkonsisti f' wahda ta' sorpass vicin triq li ghall-fini ta' diligenza rikjesta tista' titqies bhala road junction; filwaqt li l-manuvra tal-konvenut kienet tikkonsisti f' invazjoni tal-karreggjata li minnha jghaddu l-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta.

*Manuvra tal-konvenut*

Fix-xhieda tieghu il-konvenut sostna li huwa kien xeghel l-indicator, u hares minn gol-mera biex jara jekk kienux gejjin vetturi u dar. "F' dak il-mument saret [il-habta] rajt lil [konvenut]". Huwa kkonferma li kien hares fil-mera qabel ghamil il-manuvra, izda mistoqsi kien ra fil-mera huwa rrisponda li ra l-vettura tal-attur "gejja go fiha".[1] Fl-ebda mument qabel ma ghamel il-manuvra ma ra l-vettura tal-attur.

In propositu l-Qorti tirrileva li, anke jekk f' xi hin il-konvenut kien hares minn gol-mera, il-provi juru li huwa ma

[1] Folo.95

esplorax adegwatament in-naha tat-triq li kien ser jinvadi. Di fatti huwa ex admissis qal li meta hares minn gol-mera biex jara kienux gejjin karrozzi, huwa ra lill-attur gej go fih. Il-provi juru li meta l-konvenut iddecieda li jaghmel il-manuvra huwa ma kienx qed izomm proper look out ghal xi vetturi li setghu kienu gejjin jew jghaddu minn dik il-parti tat-triq: obbligu li kien jinkombi fuqu bhala sewwieq li kien ser jinvadi karreggjata ohra; liema obbligu kien jikkonsisti filli huwa jesplora b'attenzjoni kbira dik il-parti tat-triq u ma jinvadix dik il-linja tat-traffiku qabel ma jaccerta ruhu li seta' jaghmel u jittermina l-manuvra tieghu minghajr riskju u perikolu ghal utenti ta' dik il-parti tat-triq. Huwa kellu l-obbligu mhux biss li jissenjala adegwatament l-intenzjoni tieghu, izda li jkun pienament konxju tal-moviment u traffiku li jkun qed isegwih fil-mument meta jkun ser jittanta l-manuvra riskjuza li kien intenzjonat jaghmel. Inoltre, kellu l-obbligu li jaccerta ruhu li ta warajh fehmu l-intenzjoni tieghu. "He must satisfy himself that following traffic has both seen and reacted to his signal"[2] u "The driver's duty is not confined to making signals; he must see, so far as he can that they have been understood"[3] Illi fil-kaz in disamina, l-attur mhux biss naqas mill-obbligu li jaccerta ruhu li t-traffiku ta warajh fehem l-intenzjoni tieghu, izda naqas li jesplora tajjeb il-posizzjoni u l-movimenti tal-following traffic, tant li hu xehed li meta hares mill-mera huwa ra l-vettura tal-attur gejja fuqu, u ghalhekk kien tard wisq.

Illi in vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li dawn in-nuqqasijiet da parti tal-attur kienu l-kawza prossima principali u immedjata tal-istess.

*Manuvra tal-attur*

Illi fix-xhieda tieghu l-attur jsostni b' mod kategoriku li meta huwa ra l-box truck dan kien wieqaf u ghalhekk kellu jaghamel manuvra biex jaqbzu biex ikun jista' jghaddi; manuvra li kienet tinvolvi invazjoni tan-naha hazina tat-triq ghal ftit tal-hin stante li van kien usa u kien jokkupa parti

---

[2] Buchanan ***Liability in Motor Cases*** – citat fis-sentenza: PA (GV) ***Angelo Giordmania vs Silvio Coleiro*** kwotatat fis-sentenza App.Civ. ***Jurgen Doubler vs Anthony Caruana*** deciza 5 ta' Otturbu 1998 – Vol.LXXXII.II.514

[3] Wilkinson – ***Road Traffic Offences***

kbira tan-naha tiegu tat-trieq. Inoltre din il-manuvra sehhet vicin post fejn kien hemm “dahla” li minnha karrozzi setghu kemm jidhlu kif ukoll johorgu ghal fuq it-triq. L-attur jsostni wkoll li hu ma rax l-indicator tal-vettura l-ohra mixghul.

Illi l-Qorti tosserva li f’ dan il-kaz tezisti kontestazzjoni fuq zewg cirkostanzi ta’ fatt li ghandhom relevanza ghall-finijiet tal-ezami odjern. Minn naha wahda l-attur qed isostni li l-box van meta rah hu kien wieqaf, u ma rax indicators mixghulin; mentri minn naha l-ohra, il-konvenut isostni li huwa kien kwazi wieqaf u kellu l-indicator mixghul.

In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f’ kaz ta’ zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.[4] Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Gie osservat wkoll f’ materja ta’ provi, li “Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specjalment dwak tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’ kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant”[5]

Fil-kaz in dizamina, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taccetta l-fatt sostnut mill-attur li l-van kien wieqaf u kien qed jokkupa parti kbira tat-triq; kif wkoll li l-konvenut ma kellux l-indicator mixghul fiz-zmien sufficjenti sabiex jissenjala l-intenzjoni tieghu li jikser ghal fuq il-lemin – fatt li wassal lill-attur jiddeciedi li jissorpassa l-van misjuq mill-konvenut.

[4] *App.Inf.**Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et*** – 22 ta’ Novembru 2002
[5] *Prim.Awla [MCC] **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia*** – 24.11.1966

In sostenn ta’ din il-konkluzjoni, il-Qorti tosserva li l-manuvra maghmula mill-attur kienet wahda ferm perikoluza, stante li kienet necessarjament tirrikjedi l-invazjoni ta’ karreggjata intiza ghall-karrozzi gejjin minn direzzjoni opposta; u ghalhekk hija lecita l-konkluzjoni, bazata fuq grad qawwi ta’ probabilita’, hi li fil-mument li l-attur beda jattwa l-manuvra ta’ sorpass, ma kien hemm xejn x’jindika minn naha tal-konvenut li dan kien ser jikser ghal fuq il-lemin.

Izda dan in-nuqqas da parti tal-konvenut ma jezonerax lill-attur minn kull responsabbilita’ ghall-incident. Din il-Qorti, tenut kont tal-konfigurazzjoni tat-triq li hi dritta izda mhux daqstant wiesgha, b’ karreggjata two way, u vicin dahla li tista’ titqies bhala road junction, tosserva li l-grad ta’ diligenza li kellu jezercita l-attur kien akbar minn dak li fil-fatt wera. L-attur, qabel ma iddecieda jaghmel il-manuvra ta’ sorpass, bil-perikoli kollha li dina kienet tinvolvi fic-cirkostanzi, kellu l-obbligu li jaccerta ruhu li huwa setgha jibda u jittermina dik il-manuvra minghajr perikolu. Gjaladarba l-boxvan kien qieghed stazzjonarju jokkupa parti kbira tal-karreggjata, tant li l-attur kellu jinvadi l-karreggjata opposta biex jissorpassah, s-sitwazzjoni li l-konvenut jikser, anke ghall arrieda, ghal fuq il-lemin biex jidhol fid-dahla li hemm fuq in-naha lemini kienet wahda ragjonevolment prevedebilli ghas-sewwieq prudenti. Din il-konsiderazzjoni hi bazata fuq zewg riflessjonijiet principali: [1] li l-van kien qed jokkupa parti kbira tal-karreggjata, fi kliem iehor kien qieghed fin-nofs jostakola t-traffiku ta’ warajh; u [2] fil-lok tal-incident kien hemm triq perpendikulari li tikwalifika bhala T junction, anke jekk forsi mhux daqshekk frekwentata mit-traffiku.

Inoltre, il-Qorti tirrileva l-mod kif tilef il-kontroll l-attur u l-qawwa tal-impatt mal-hajt fejn spicca, manifestata mill-estensjoni tal-hsara, jdghajjfu l-asserzjoni tieghu li huwa kien ghaddej fi speed baxx.

Illi in tema legali, dwar il-manuvra ta’ sorpass vicin T junction huma rilevanti is-segwenti l-principji gurisprudenzjali kif esposti u ribaditi minn din il-Qorti fil-kawza ***PA [NC] Hugh Zammit noe vs Brandon***

***Sammut***[6] "Ghalkemm il-manuvra ta' sorpass hija wahda legittima, "imma meta s-sorpass isir b' mod inkuranti ta' dak li jistghu jkunu ntenzjonati li jaghmlu l-vetturi ta' quddiem is-sorpassant u f' post fejn dawk il-vetturi setghu ukoll legittimament jaghmlu manuvra biex jduru lejn il-lemin taghhom biex jidhlu go junction li jkun qed javvicinaw, [allura] s-sorpass isir censurabbli ghaliex seta' jkun fattur li jipprovoka incident …. Hu proprju ghalhekk illi r-regolamenti jesigu illi m' ghandux isir sorpass vicin junction"[7] "Regola importantissima ghas-sorpass hi li dan ghandu jsir b' sikurezza …. Il-kwistjoni ta' overtaking tista' tiehu aspett ferm specjali fic-cirkostanzi partikolari tal-lokalita'….. overtaking ikun perikluz li jsir meta driver prudenti jista' jipprevedi li l-vettura li jkun qed jaqla' tista' tbiddel ir-rotta"[8] "Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or to others"[9]

Illi f' dan il-kaz l-obbligu tal-attur li jezercita grad gholi ta' diligenza kien akbar f' dawn ic-cirkostanzi, ghax is-sorpass kien qed jigi effettwat vicin junction fejn u meta wiehed ghandu ragjonevolment jistenna li vetturi jistghu jduru ghal fuq il-lemin. Dan il-perikolu jifforma l-bazi tal-kontenut tal-paragrafu 74 tal-Highway Code li fil-paragrafu (ii) jghid: "Do not overtake at or when approaching a road junction……IF IN DOUBT – HOLD BACK ".

Hija flokha l-osservazzjonijiet li "min ikun qed isuq, ghalkemm ma jaghamilx dawk il-kalkoli matematici li huma mehtiega biex fil-Qorti jigi apprezzat u gudikat il-kaz, ghandu pero' jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilitsiku d-distanzi u l-kollizzjonijiet huma kwistjoni ta' sekondi; u ghalhekk is-sewwieq ghandu jirregola l-ghemil tieghu fis-sewqan konfromamanet" ***[App.Krim. Pulizija vs Joseph Muscat]***

F' dan il-kaz, l-attur naqas li juza dik il-grad ta' diligenza li l-konfigurazzjoni tat-triq u c-cirkostanzi tal-kaz kienu

---

[6] Deciza 14.10.3002

[7] App.Civ. ***Jurgen Doubler vs Anthony Caruana*** - *supra*

[8] Kazistika citata fis-sentenza - PA (GV) ***Angelo Giordimania vs Silvio Coleiro*** *(supra)*

[9] Highway Code – Para. 71

jirrikjedu minnu bhala bonus paterfamiljas. Huwa naqas li jiehu dawk il-prekawzjonijiet li l-imsemmija fatturi kienu ragjonevolment jimponu fuq sewwieq prudenti fl-esekuzzjoni tal-manuvra maghmula minnu. Dan in-nuqqas ravvizat fl-attur kkontribwixxa ghall-incident de quo.

*Responsabbilita'*
Illi in bazi ghall-premess, il-Qorti tikkonsidera li, ghalkemm il-kawza prossima principali tal-incident de quo kienet in nuqqas da parti tal-konvenut meta dan beda jesegwixxi l-manuvra tieghu, minn naha tieghu l-attur wera nuqqas ta' certu grad ta' diligenza fl-esekuzzjoni tal-manuvra tieghu li kkontribwiet ghall-incident.

Illi, kunsidrat il-premess, din il-Qorti hija tal-fehma li l-r-responsabbilita' taz-zewg sewwieqa ghandha tigi apporzjonata bil-mod segwenti: zewg terzi [2/3] huma attribwibbli lill-konvenut, filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] huwa imputabbli lill-attur.

*Danni*
F' dan ir-rigward huma applikabbli s-segwenti principji esposti mill-Onorabbli Qorti tal-App.Inferjuri fil-kaz ***[PS] Percius Car Hire Limited vs Richard Schembri*** [20.10.2003] fejn gie osservat hekk: "Huwa minnu li di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu [Vol.XL.II.653] b' mod li jigi eskluz fil-kazijiet kongruwi, mir-risarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. Jibqa' pero' dejjem il-fatt illi huwa ma huwiex obbligat jitghabba b' pizijiet biex inaqqas il-hsara [Vol.XXXVIII.I.249].

Tinsorgi ghalhekk regola ohra daqstant iehor importanti f' materja ta' danni fil-kollizzjonijiet stradali, li tikkonferixxi lid-danneggjat id-dritt tar-resitutio in integrum b' mod li jirreintegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuz *[App.Inf. Antonio Zammit vs Mario Calleja – 12.01.1977].* That dan l-aspett is-socjeta' attrici ghanda dritt tircevi dik is-somma ghaz-zmien li

damet <u>privata mill-uzu tal-karrozza</u> sakemm din issewwiet”.

Fil-kaz in dizamina d-danni reklamati mill-attur huma ta’ Lm1,300 li jidher li Lm461 minnhom jirrapprezentaw spejjez inkorsi fil-kiri ta’ karrozza. Jidher wkoll li l-kontestazzjoni principali timpernja fuq l-ispejjez ta’ kiri ta’ karrozza.

In propositu jigi osservat li mill-provi jirrizulta li l-vettura tal-attur damet ma tissewwa perijodu ta’ 76 gurnata li matulhom huwa kera karrozza bir-rata ta’ Lm5 kuljum. Il-konvenut jilmenta mid-dewmien f’ dan ir-rigward u jsostni li m’ ghandux ibati spejjez minhabba nuqqasijiet ta’ haddiehor. F’ dan ir-rigward iddelinea ruhu s-segwenti kwadru. Fit-13 ta’ Ottubru kien mar is-surveyor tal-Atlas Insurance, s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut, ghand in-Norton Garage, gestit minn Gerald Aquilina, fejn kienet ser issir it-tiswija, biex jaghmel survey tal-hsarat, liema survey kien sar bla pregudizzju. Pero’ jidher li Gerald Aquilina ma kellux l-fiat ta’ din is-socjeta’ biex jibda t-tiswija peress li dawn kienu qed jikkontemplaw li l-vettura tigi skrapjata. Meta l-attur, xi xahar wara, gie informat b’ dan, huwa insista li t-tiswija fuq il-vettura tibda minnufih peress li huwa kellu bzonnha u ma setghax jibqa’ aktar minghajrha. Sa dan it-tant huwa kien qed jikri karrozza peress li ma setghax joqghod minghajr karrozza. Skond l-imsemmi Aquilina, l-attur oggezzjoni li l-karrozza tigi skrapjata peress li l-flus li kien ser jippercepixxi minghand l-insurance ma kienux sufficjenti biex jixtri karrozza ohra. Ghalhekk insista li tissewwa.

L-applikazzjoni tal-principji premessi ghal dan il-kwadru tal-fatti, twassal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

[1] Li l-attur kien pienament gustifikat li ma jaccettax li l-vettura tigi skrapjata meta dina setghet tissewwa <u>kif fil-fatt sar</u>, jekk kienet tezisti l-probabbilita’ li l-flus li kien ser jinghata ma kienux ser ikunu sufficjenti biex jixtri karrozza ohra.; u dan in applikazzjoni tal-prinicipju tar-restitutio in integrum;

[2] Li ghad-dewmien li sehh qabel ma bdiet it-tiswija ma kienx jahti l-attur li ghalhekk m' ghandux jirrispondi ghall-istess, izda jidher kien tort tal-imsemmija socjeta' assikuratrici li halliet il-vertenza pendenti xahar shih minghajr ma tat-riposta defenittiva lil tan-Norton Garage. Anzi kien l-istess attur li kien insista li tibda t-tiswija. Ghaldaqstant fl-assenza ta' prova li kien tort tal-attur li l-vettura damet biex tissewwa l-vettura l-ilment ta' l-konvenut f' dan ir-rigward ma jistghax jigi milqugh.

Inoltre, z-zmien li hadet it-tiswija tal-vettura gie kkonfermat bil-gurament mill-imsemmi Gerald Aquilina, u ma hemm xejn f' dan ir-rigward li jitfa' xi tort fuq l-attur.

Ghaldaqstant dan l-aspett tad-danni pretiz mill-attur huwa gustifikat fattwalment u legalment u qed jigi accettat minn din il-Qorti.

Illi rigward il-kumplament tad-danni rapprezentanti spejjez inkorsi fit-tiswija inkluz xiri ta' parts tal-vettura, il-Qorti tosserva li l-attur ma prezentax prospett li juri breakdown tas-somma ta' Lm1,300 pretiza minnu; u minn ezami tar-ricevuti relattiva l-Qorti waslet ghal ammont inferjuri ghal dan.

Mill-atti processwali rrizultaw provati s-segwenti spejjez:

| | |
|---|---|
| Kiri ta' Karrozza[10] | Lm437.00 + |
| | 24.00 |
| Tiswija[11] | 540.00 |
| Parts | 232.28 |
| Skizz | 3.00 |
| | LM1,236.28 |

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif ser jinghad:

Tiddikjara li ghall-incident indikat fic-citazzjoni huma responsabbli kemm l-konvenut kif ukoll l-attur; u li l-

[10] Doki.1, 2 u 7
[11] Doki.4, 5 u 6

konvenut ghandhu jgorr ir-responsabbilita' ta' zewg terzi [2/3] ghall-incident u gad-danni konsegwenzjali;
Tillikwida d-danni kollha fl-ammont ta' elf mitejn sitta u tletin lira maltin u tmienja u ghoxrin centezmu [Lm1,236.28], li minnhom il-konvenut ghandhu jhallas zewg terzi u cioe' ***tmien mija u erba u ghoxrin lira maltin [Lm824];***

Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur din is-somma ta' Lm824 flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-att tac-citazzjoni kif mitluba. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut, u r-rimanenti terz [1/3] jibqa' a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------